MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 810/2013

**Paul Falzon (karta ta' l-identita` numru 143460 (M)), kif debitament awtorizzat bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti Abbasi Zafar-Ul-Huda (Passaport numru CN 1017472), Teves Bayani Soldevilla (Passaport numru EB 1132922), Samillano Ramon Delima (Passaport numru EB 6388305), Hernandez Ricardo Gonzales (Passaport numru EB 4854682), Luna Ramon Gubaton (Passaport numru EB 1015482), Bijare Jeronimo Callas (Passaport numru XX 2846799), Recentes Lito Maximo Gijal (Passaport numru EB 1841484), Ballen Nilo Acquilesca (Passaport numru EB 0005931), Hinobiagon Eduardo Gabato (Passaport numru EB 6450886), Ferrer Narciso Vargas (Passaport numru XX 3464274), Derije Kevin Sevilla (Passaport numru XX 3861291), Valmonte Melanio Sanchez (Passaport numru EB 4763543), Belonio Michael Siason (Passaport numru EB 0059708), Rojas James Panganiban (Passaport numru EB 4014202), Yec-Yec Joselito Mendiola (Passaport numru EB 1071608),**

**Evangelista Stephen Depositario (Passaport numru EB 3458667), Nieves Jose Langutang (Passaport numru EB 1566835), Dela Pena Elpedio Macalisang (Passaport numru XX 3617473), Gramatica Diosdado Tubil (Passaport numru XX 2721205), Espinosa Salvador Mendoza (Passaport numru ZZ 153104), Duaman Kenny Samillano (Passaport numru EB 0763895) u Alaban Domingo Briones (Passaport numru EB 3695273)**

**vs**
**Il-bastiment A LADYBUG (IMO 9441867)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-23 t'Awwissu, 2013, li permezz tieghu sintetikament ir-rikorrenti nomine espona s-segwenti:

1.1 Illi r-rikorrenti rrendew servizz bhala kaptan, ufficjali u membri tal-ekwipagg fuq il-bastiment intimat fuq indikat u ghadhom hekk qed irendu servizz fuq l-istess bastiment intimat;

1.2 Illi l-bastiment intimat *de quo* hu proprjeta` tas-socjeta` estera *A Ladybug Corporation* u jgib in-numru IMO 9441867;

1.3 Illi l-bastiment *de quo* ghandu tunnellagg gross ta' 72,408, u jtajjar bandiera tal-Panama;

1.4 Illi r-rikorrenti ghandhom jircievu ammonti konsiderevoli f'pagi u salarji lilhom dovuti mill-bastiment intimat, oltre spejjez relatati mar-ripartiazzjoni taghhom;

1.5 Illi nonostante li l-bastiment intimat u s-sidien tieghu gew interpellati diversi drabi biex ihallsu l-ammonti minnhom dovuti, dawn baqghu inadempjenti;

1.6 Illi r-rikorrenti ottenew mandat t'arrest tal-bastiment *de quo* biex jassiguraw li l-bastiment jibqa' Malta u b'hekk jipprocedu *in rem* kontra l-istess bastiment;

1.7 Illi *di piu`*, r-rikorrenti rrkorrew spejjez addizzjonali biex jeffettwaw in-notifika tal-bastiment bil-mandat t'arrest u bid-digriet ta' din il-qorti billi krew appozitament lanca biex l-ufficjali gudizzjarji inkarigati jitrasmettu l-atti relattivi lill-bastiment intimat;

1.8 Illi sal-lum il-bastiment intimat ghadu fl-ibhra territorjali ta' Malta;

1.9 Illi ghaldaqstant ir-rikorrenti aderew din il-qorti biex il-bastiment intimat ikollu l-opportunita` jirrispondi ghat-talbiet taghhom biex din il-qorti:

1.9.1. Tiddikjara li l-bastimant intimat hu debitur tar-rikorrenti ghall-pagi u salarji dovuti lilhom fil-kapacita` ta' kaptan, ufficjali u membri tal-ekwipagg u ghall-ispejjez relatati mar-ripatrijazzjoni tal-istess rikorrenti oltre l-ispejjez relatati man-notifika tal-mandat t'arrest bin-numru 1223/2013;

1.9.2. Tillikwida l-ammonti dovuti lir-rikorrenti, inkluz kull arretrati ta' pagi u salarji dovuti lilhom fil-kapacita` taghhom fuq indikata, bl-interessi legali mid-data minn meta l-istess pagi u salarji kienu dovuti sad-data tal-effettiv pagament;

1.9.3. Tillikwida l-ammonti dovuti lir-rikorrenti ghall-ispejjez relatati mar-ripatrijazzjoni taghhom;

1.9.4. Tillikwida l-ispejjez inkorsi mir-rikorrenti biex jinnotifikaw lill-bastiment intimat bil-mandat t'arrest u digriet fuq riferiti;

1.9.5. Tikkundanna lill-bastiment intimat ihallas lir-rikorrenti l-ammonti hekk likwidati;

1.9.6. Bl-ispejjez, kif dedotti mir-rikorrenti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-imsemmi bastiment intimat;

2. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

3. Semghet lix-xhud prodott;

4. Tirrileva li ghalkemm il-bastiment intimat gie debitament notifikat, (ara fol 17, 19 u 21), xorta baqa’ fi stat ta’ kontumacja;

Ikkunsidrat:

5.0. Illi skont id-dokumenti u x-xhud fuq riferiti jirrizulta sintetikament is-segwenti:

5.1. Illi effettivament il-bastiment intimat u s-socjeta` estera sid l-istess bastiment hallas il-pagi u salarji dovuti lill-ekwipagg tal-bastiment intimat;

5.2. Illi konsegwentement ir-rikorrenti qed jirrinunzjaw ghat-talba taghhom rigward l-istess pagi u salarji stante pagament fil-mori tal-kawza;

Ikkunsidrat:

6.0. Illi in vista tas-suespost jonqos li jigu epurati s-segwenti:

6.1. L-ammont dovut lir-rikorrenti mill-bastiment intimat ghan-notifika tal-mandat fuq riferit u ghall-atti ta’ din il-procedura; u

6.2. L-ammont dovut lir-rikorrenti mill-bastiment intimat ghar-ripatrijazzjoni tal-ekwipagg;

7.0. Illi fir-rigward tal-ewwel kap indikat fil-paragrafu precedenti ghandu jinghad is-segwenti:

7.1. Illi biex ir-rikorrenti jinnotifikaw lill-bastiment intimat bil-mandat *de quo* u bil-proceduri odjerni huma kellhom jinkorru spejjez konsiderevoli;

7.2. Illi dan irrizulta necessarju ghaliex hawn si tratta ta' notifika fl-ibhra territorjali li biex tigi effettwata kellha tinkera lanca appozita, inkluz il-konsum ta' *fuel* relattiv ghall-istess skop;

7.3. Illi skont id-dokument PF2 in atti, l-ammont inkors jammonta ghal tlett mija u ghoxrin Ewro, (€320.00);

8.0. Illi rigward it-tieni kap indikat fil-paragrafu numru sitta punt tnejn, (6.2), aktar qabel, ghandu jinghad is-segwenti:

8.1. Illi l-ekwipagg jikkonsisti f'persuni ta' nazzjonalita` mhux Maltija li ilhom kostretti jghixu fuq il-bastiment intimat minghajr paga, salarji, u direzzjoni ghal dawn l-ahhar erbatax (14) –il xahar;

8.2. Illi ghalhekk ir-ripatrijazzjoni taghhom hi necessarja biex l-imsemmi ekwipagg ikun jista' jkompli jghix hajtu;

8.3. Illi skont id-dokument PF1 in atti l-ammont komplessiv relatat ghar-ripatrijazzjoni tal-istess sat-28 t'Ottubru, 2013, tammonta komplessivament ghal erbatax –il elf, hames mija u hamsa u disghin Ewro, (€14,595.00);

9.0. Illi din il-qorti m'ghandhiex ragunijiet ghaliex m'ghandhiex tistrieh fuq l-istess dokumenti u konsegwentement tiddikjara li l-istess huma riflessjoni tal-verita` riskontrata;

**DECIDE:**

10.0. Illi in vista tal-premess, din il-qorti tiddikjara li r-rikorrenti ipprovaw il-kaz taghhom skont il-ligi fil-limiti tas-segwenti:

10.1. Illi tiddikjara li l-bastiment intimat A LADYBUG (IMO 9441867) hu responsabbli ghar-ripatrijazzjoni tal-ekwipagg kollu fuq indikat;

10.2. Illi tillikwida l-ispejjez relatati mal-istess ripatrijazzjoni fl-ammont ta' erbatax –il elf, hames mija u hamsa u disghin Ewro, (€14,595.00);

10.3. Illi tikkundanna lill-istess bastiment intimat fuq indikat biex ihallas l-ammont hekk likwidat fil-paragrafu precedenti lir-rikorrenti fuq indikati;

10.4. Illi tiddikjara wkoll li l-bastiment intimat A LADYBUG (IMO 9441867) hu responsabbli wkoll ghall-ispejjez konnessi man-notifiki tal-bastiment intimat kif fuq indikat;

10.5. Illi tillikwida l-ispejjez relatati mal-istess notifiki fl-ammont ta' tlett mija u ghoxrin Ewro, (€320.00);

10.6. Illi tikkundanna lill-istess bastiment intimat fuq indikat biex ihallas l-ispejjez hekk likwidati lir-rikorrenti fuq indikati;

10.7. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-bastiment intimat;

10.8. Illi finalment, ghal dak li ghandu x'jaqsam mat-talbiet rigwardanti l-pagi u salarji tal-ekwipagg, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess stante pagament fir-rigward da parti tal-bastiment intimat li konsegwenza tieghu l-istess rikorrenti ddikjaraw li irrinunzjaw ghat-talba taghhom in konnessjoni ma' l-istess.

______________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------